

RAPPORT FIL-QOSOR KONSULTAZZJONI DWAR L-INIZJATTIVA "IL-BINI TA' EKONOMIJA EWROPEA TAD- DATA"

Introduzzjoni

Il-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-ekonomija Ewropea tad-data, djalogu wiesa' mal-partijiet ikkonċernati, tnedja bl-adozzjoni tal-Komunikazzjoni dwar Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data ([COM\(2017\)9](#)) u tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha ([SWD\(2017\)2](#)). L-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi l-aħjar użu possibbli tad-data diġitali għall-ġid tal-ekonomija u tas-soċjetà. Tindirizza l-ostakli li jxekklu l-iżvilupp ta' suq uniku Ewropew bi fluss liberu tad-data u kwistjonijiet legali relatati mal-aċċess għad-data u t-trasferiment tagħha, il-portabbiltà tad-data u r-responsabbiltà rigward data diġitali primarjament mhux personali, iġġenerata mill-magni.

L-azzjoni ewlenija tal-konsultazzjoni kienet l-istħarriġ pubbliku online li sar mill-10 ta' Jannar sas-26 ta' April 2017. Dan kopra d-diversi partijiet tal-Komunikazzjoni¹.

L-**anness** huwa analiżi kwalitattiva aktar iddettaljata tar-riżultati² u tad-dokumenti ta' pożizzjoni rċevuti. Diġà ġie ppubblikat [rapport ta' sinteżi](#) ta' din il-konsultazzjoni li qed jipprovi xejriet preliminari.

Ġew organizzati wkoll diversi sessjonijiet ta' ħidma orizzontali u skont is-settur, jew maħsuba għal grupp speċifiku ta' partijiet ikkonċernati jew li jindirizzaw xi kwistjoni speċifika.

Ir-rapport fil-qosor jinkludi taqsira tad-djalogu mal-partijiet ikkonċernati.

Konsultazzjoni pubblika online

Il-partijiet ikkonċernati identifikati kienu negozji ta' kull daqs u mis-setturi kollha, inklużi l-manifatturi u l-utenti ta' apparati konnessi, l-operaturi u l-utenti ta' pjattaformi online, is-sensara tad-data u n-negozji li jikkummerċjalizzaw prodotti u servizzi bbażati fuq id-data. L-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, ir-riċerkaturi / l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-konsumaturi ġew mistiedna wkoll biex jagħtu l-kontribut tagħhom. L-istħarriġ online għabar total ta' 380 rispons, fosthom 332 minn negozji / organizzazzjonijiet, 6 minn individwi li jaħdmu għal rashom, u 42 minn ċittadini. Il-parti l-kbira tal-kontribuzzjonijiet ġew minn organizzazzjonijiet privati.

Barra minn hekk, waslu madwar 18-il kontribuzzjoni indipendenti (jiġifieri mhux ikkomplimentati minn tweġibiet għall-kwestjonarju) ([disponibbli online](#)). L-awturi jirrappreżentaw l-awtoritajiet nazzjonali, il-kumpaniji, l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi nazzjonali jew Ewropej, l-assoċjazzjonijiet ta' assigurazzjoni, u r-rappreżentanti tal-avukati fl-UE u fl-Istati Uniti. Il-parti l-kbira ta' dawn id-dokumenti jittrattaw id-diversi taqsimiet tal-konsultazzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-aċċess għad-data u t-trasferiment tagħha.

l-Ċentru Ewropew ta' Strateġija Politika (ĊESP) organizza wkoll [seduta pubblika dwar l-ekonomija Ewropea tad-data](#).

¹ Il-konsultazzjoni pubblika dwar l-evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi (85/374/KEE) saret b'mod parallel.

² <https://ec.europa.eu/eusurvey/publication/European-Data-Economy-Consultation?language=MT&surveylanguage=MT>

Sessjonijiet ta' ħidma

Il-Kummissjoni Ewropea (KE) organizzat għadd ta' sessjonijiet ta' ħidma biex tindirizza sfidi speċifiċi tal-ekonomija tad-data. Xi wħud ma kinux speċifiċi għal settur, filwaqt li oħrajn kienu mmirati għal kategorija speċifika ta' partijiet ikkonċernati jew settur speċifiku ([aktar informazzjoni](#)). Il-konklużjonijiet tagħhom qed jiġu kkunsidrati f'dan ir-rapport, stabbiliti fil-kuntest tar-risultati tal-konsultazzjoni online. Is-sessjonijiet ta' ħidma u l-avvenimenti rilevanti għall-proċess ta' konsultazzjoni huma dawn li ġejjin:

Sessjonijiet ta' ħidma mhux speċifiċi għal settur

- Sessjoni ta' ħidma dwar il-qlib bejn il-fornituri tas-servizz ta' cloud, 18/5/17, [aktar informazzjoni](#)
- Sessjoni ta' ħidma mar-rappreżentanti tal-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet emerġenti tal-ekonomija tad-data, 31/5/17, [aktar informazzjoni](#)
- Aċċess għad-data u l-kondiviżjoni tad-data: l-impatt reali fuq il-mudelli kummerċjali tal-SMEs u tan-negozji l-ġodda, 29/5/17, [aktar informazzjoni](#)
- Aċċess għad-data u t-trasferiment tagħha b'enfasi fuq l-interfaċċi ta' programmar (API) u l-pjattaformi tad-data industrijali, 8/6/17, [aktar informazzjoni](#)
- Sessjoni ta' ħidma dwar l-Ekonomija tad-Data, Assemblea Diġitali, 15-16/6/17, [aktar informazzjoni](#)
- Aċċess għad-data ta' interess pubbliku miżmuma kummerċjalment għall-korpi pubbliċi, 26/6/17, [aktar informazzjoni](#)
- Responsabbiltà fil-qasam tas-sistemi awtonomi u s-sistemi ta' robots avvanzati u tal-internet tal-oġġetti, 13/7/17, [aktar informazzjoni](#)

Sessjonijiet ta' ħidma speċifiċi għas-settur

- Sessjoni ta' ħidma EIP-AGRI dwar il-kondiviżjoni tad-data, 4-5/4/17, [aktar informazzjoni](#)
- Kwistjonijiet relatati mad-data fl-ingerinerija mekkanika, (6/4/17), it-tagħmir mediku (25/4/17), is-servizzi tan-negozju (4/5/17), is-settur awtomobilistiku — Gear2030 (10/5/17), il-katina tal-provvista tal-ikel u x-xorb (1/6/17), [aktar informazzjoni](#)
- Sessjoni ta' ħidma dwar l-effett transformattiv tal-aċċess għad-data u tal-użu mill-ġdid tagħha mill-industriji intelliġenti, 6/6/17, [aktar informazzjoni](#)

Il-passi li jmiss

Adottata f'Mejju tal-2017, il-Komunikazzjoni dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali ħabbret li l-Kummissjoni:

- sal-ħarifa tal-2017, soġġetta għal Valutazzjoni tal-Impatt, se ttipprepara proposta leġiżlattiva dwar il-qafas ta' kooperazzjoni dwar il-fluss liberu tad-data tal-UE li tqis il-prinċipju ta' fluss liberu ta' data fi ħdan l-UE, il-prinċipju tal-portabbiltà ta' data mhux personali, inkluż meta jinqalbu s-servizzi tan-negozju bħas-servizz ta' cloud, kif ukoll il-prinċipju ta' disponibbiltà ta' ċerta data għal skopijiet ta' kontroll regolatorju anke meta dik id-data tkun maħżuna fi Stat Membru ieħor;
- fir-rebbiegħa 2018, abbażi ta' evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u soġġetta għal Valutazzjoni tal-Impatt, se ttipprepara inizjattiva dwar l-aċċessibbiltà u l-użu mill-ġdid tad-data pubblika u ta' dik ifffinanzjata mis-settur pubbliku u se tesplora aktar il-kwistjoni tad-data miżmuma privatament li tkun ta' interess pubbliku;
- se tanalizza aktar jekk għandhiex tiddefinixxi l-prinċipji biex jiġi determinat min ikun responsabbli f'każijiet ta' danni kkawżati minn prodotti li jużaw ħafna data;
- se tkompli tivvaluta l-ħtieġa għal azzjoni rigward il-kwistjonijiet emerġenti relatati mad-data, kif identifikati fil-Komunikazzjoni dwar id-data ta' Jannar 2017, bħad-drittijiet ta' aċċess għad-data.

Il-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-Ekonomija tad-Data kkonferma r-rilevanza u l-importanza tal-miżuri kollha antiċipati mill-Kummissjoni.

Ir-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni

Lokalizzazzjoni tad-data għal skopijiet ta' ħżin u/jew ipproċessar (fluss liberu ta' data)

Deher ċar li l-proċess ta' konsultazzjoni kien utli għall-ħidma tal-Kummissjoni fuq il-lokalizzazzjoni tad-data u l-fluss liberu tagħha. Ir-riżultati jissodisfaw faċilment il-kriterji ta' użu fejn jidħlu l-għadd u d-diversità tar-riżpondenti u l-kwalità tar-riżpons tagħhom. Billi 88 % mit-380 riżpondent għandhom x'jaqsmu ma' negozji jew organizzazzjonijiet li qablu li l-identità tagħhom issir pubblika, kien possibbli li jsiru analiżijiet ekonomiċi ta' setturi speċifiċi. Flimkien mar-riżultati tas-sessjonijiet ta' djalogu strutturat mal-Istati Membri, dawn l-analiżijiet jippermettu li tingħata perspettiva bilanċjata.

Xi aspetti tal-miżuri ta' lokalizzazzjoni tad-data jistgħu jiġu kkwantifikati bis-saħħa tar-riżultati tal-konsultazzjoni. Il-parti l-kbira tar-riżpondenti jafu bl-eżistenza ta' restrizzjonijiet speċifiċi rigward il-lokalizzazzjoni tad-data. Kważi kulħadd innota li l-organizzazzjoni tiegħu hija obbligata tosserva dawn ir-restrizzjonijiet.

Hemm kunsens wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati dwar l-impatt tar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data; ftit ħafna huma dawk li ma jarawx dan l-impatt. Għall-kategoriji kollha possibbli ta' impatt eżaminati, il-parti l-kbira tar-riżpondenti identifikaw impatti għoljin, segwiti bl-impatti medji. Xi wħud irreferew għal impatti baxxi. Fejn jidħlu l-ispeċifità, jidher li l-lokalizzazzjoni tad-data toħloq impatt prinċipali fuq l-ispejjeż, it-tneċċija ta' prodott jew servizz ġdid u fuq id-dħul fi swieq ġodda. It-tipi ta' spejjeż imġarrba huma primarjament ta' natura amministrattiva jew jirriżultaw minn riżorsi dduplikati f'pajjiżi differenti tal-UE. Il-biċċa l-kbira tar-riżpondenti jindikaw in-natura rikorrenti ta' dawk l-ispejjeż, b'xi wħud isemmu li jħallu effett partikolarment detrimentali fuq in-negozji l-ġodda u fuq l-intrapriżi żgħira u medji. Dan japplika b'mod predominanti għad-duplikazzjoni tar-riżorsi. Bid-duplikazzjoni imposta fuqhom li twassal għal żieda fl-ispejjeż, in-negozji l-ġodda u l-SMEs mhux se jkunu kapaċi jikkompetu ma' dawk li diġà qegħdin fis-suq.

Aktar minn nofs ir-riżpondenti huma tal-fehma li jkun tajjeb li jitneħħew ir-restrizzjonijiet relatati mal-lokalizzazzjoni tad-data. Kważi l-SMEs kollha jikkonfermaw dan filwaqt li minoranza żgħira ħafna tesprimi ruħha favur l-oppożizzjoni. Billi ntalbu jiġġustifikaw ir-restrizzjonijiet relatati mal-lokalizzazzjoni, ir-riżpondenti jsemmu s-sigurtà pubblika, l-infurzar tal-liġi, it-tħassib dwar id-data kunfidenzjali u l-ħtieġa li jikkontrollaw is-sottokuntratturi tagħhom (jiġifieri sottokuntratturi li joffru servizzi ta' ħżin/ipproċessar ta' data).

Il-partijiet ikkonċernati identifikaw diversi benefiċċji li jirriżultaw mit-tneħħija tar-restrizzjonijiet eżistenti rigward il-lokalizzazzjoni tad-data. L-ewwel nett, u bi qbil mal-punti msemmija hawn fuq, indikaw it-tnaqqis fl-ispejjeż, speċifikament kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-SMEs u għan-negozji l-ġodda li joperaw fl-Ewropa. Jargumentaw ukoll li kompetizzjoni aktar qawwija kieku tikkoreġi d-distorsjoni eżistenti tas-suq (jiġifieri d-diverġenza wiesgħa fil-prezzijiet tas-servers fil-pajjiżi tal-UE differenti). Vantaġġ ieħor tal-moviment liberu tad-data jkun is-sigurtà mtejbja tad-data, bil-fornituri ta' servizz partikolari ta' cloud ikunu jistgħu jwettqu aġġornamenti immedjati tas-sikurezza li jkunu ta' ġid għall-utenti, irrispettivament mill-qagħda ġeografika tagħhom. Fl-aħħar nett, ir-riżpondenti huma tal-fehma li bit-tneħħija tal-lokalizzazzjoni tad-data, l-UE kieku tibgħat sinjal qawwi lill-komunità internazzjonali favur il-moviment liberu tad-data madwar id-dinja.

Il-konsultazzjoni wriet ukoll is-sitwazzjoni attwali tal-attivitàjiet transfruntiera tad-data. Ftit aktar minn nofs ir-riżpondenti diġà qed jaħżnu u/jew jipproċessaw data f'diversi postijiet madwar l-UE. Analiżi speċifika għas-settur turi li l-ipproċessar u l-ħżin transfruntiera tad-data huma ħafna aktar preżenti fis-servizzi finanzjarji u inqas preżenti fis-settur pubbliku filwaqt li ċ-ċifri għad-ditti tal-IT u l-manifattura jinsabu viċin tal-medja ġenerali. Bi twegħiba għall-mistoqsija għaliex ir-riżpondenti jipproċessaw u jaħżnu d-data f'diversi pajjiżi tal-UE, l-aktar twegħiba komuni hija "raġunijiet ġenerali marbuta mal-operat". Xi klienti, primarjament tas-servizzi tal-IT bħall-cloud computing, jitolbu li d-data tagħhom tiġi maħżuna u pproċessata lokalment. Ir-

raġunijiet ewlenin għal dan il-fatt huma l-inċertezza dwar il-legalità tal-ħżin tad-data barra minn pajjiżhom, il-perċezzjonijiet tar-restrizzjonijiet rigward il-lokalizzazzjoni tad-data, jew in-nuqqas ta' familjarità mar-regoli attwali tal-UE.

Rigward l-aktar miżura adegwata li tista' tittieħed biex wieħed jiffaċċja r-restrizzjonijiet rigward il-lokalizzazzjoni tad-data, l-istrument leġiżlattiv kienet l-iktar waħda li rċeviet appoġġ, segwita mill-gwida dwar il-ħżin/l-ipproċessar ta' data fl-UE u aktar trasparenza rigward ir-restrizzjonijiet. L-għażliet l-oħra kienu ferm inqas popolari. Għadd ta' risponenti qalu li jkun xieraq li strument leġiżlattiv jingħaqad ma' reġim ta' trasparenza għar-restrizzjonijiet eżistenti dwar il-lokalizzazzjoni tad-data.

Barra l-konsultazzjoni online, il-Kummissjoni organizzat tliet djalogi strutturati mal-pajjiżi tal-UE sabiex jiġu diskussi r-rekwiżiti attwali għal-lokalizzazzjoni tad-data u r-raġunijiet għalihom kif ukoll kwistjonijiet li forsi jeħtieġ li jiġu indirizzati qabel l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-fluss liberu tad-data (bħas-sigurtà tad-data u d-disponibbiltà tad-data għal skopijiet regolatorji). Saru wkoll laqgħat bilaterali ma' diversi pajjiżi tal-UE. Id-djalogi strutturati żvelaw kunsens ġenerali dwar il-ħtieġa ta' flux liberu tad-data fl-UE biex l-Ewropa tiġi ttrasformata f'ekonomija tad-data. L-ewwel wieħed minn dawk id-djalogi ffoka fuq l-identifikazzjoni tal-benefiċċji ewlenin u tal-isfidi għall-mobbiltà tad-data fi ħdan l-UE.

Il-benefiċċji u l-opportunitajiet ewlenin identifikati huma:

- it-tkabbir ekonomiku;
- livell ogħla ta' kompetizzjoni u ta' innovazzjoni fl-UE;
- użu "transfruntier" aħjar tas-servizzi tas-settur pubbliku;
- il-promozzjoni u t-titjib taċ-ċarezza ġuridika fl-UE.

L-isfidi u t-theddiet ewlenin huma:

- in-nuqqas ta' fiduċja reċiproka;
- l-inċertezza tad-dritt rigward ir-regoli applikabbli.

Dawn is-sejbiet jaqblu ħafna mal-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni pubblika online, li qajmet ukoll l-isfidi tal-inċertezza tad-dritt u tan-nuqqas ta' fiduċja.

It-tieni djalogu strukturat kien opportunità biex jiġi diskuss l-oqfsa legali attwali tal-UE għall-moviment liberu tad-data u biex wieħed jelabora aktar fuq il-miżuri ta' lokalizzazzjoni tad-data li ġew identifikati s'issa f'dan il-kuntest. Ġeneralment, il-parteċipanti sabuha bi tqila ħafna biex jinnavigaw fl-istrumenti legali eżistenti kollha. Xi parteċipanti semmew li r-restrizzjonijiet rigward il-lokalizzazzjoni tad-data identifikati f'pajjiżhom ma kinux ġuridikament ċari u li l-għan tagħhom ma kienx stipulat b'mod ċar, fatt li jagħmel it-test tal-proporzjonalità diffiċli. Dan il-punt isaħħaħ it-twemmin li l-inċertezza tad-dritt hija xprunatur ewlieni tar-restrizzjonijiet problematiċi rigward il-lokalizzazzjoni tad-data.

Mill-112-il dokument ta' pożizzjoni sottomess b'risposta għall-konsultazzjoni pubblika, kważi dawk kollha li jindirizzaw il-lokalizzazzjoni tad-data talbu lill-Kummissjoni biex tipproponi regolament li jstabbilixxi fil-liġi l-fluss liberu tad-data u b'hekk ineħħi l-inċertezza tad-dritt.

Aċċess għad-data u l-użu mill-ġdid tagħha

Meta wieħed iqabbel ir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-evidenza preċedenti³, jidher li l-kumpaniji qed jinvolvu ruħhom f'aktar kondivizzjoni tad-data. Aktar minn nofs ir-risponenti jindikaw xi tip ta' dipendenza fuq data prodotta minn ħaddieħor. Tliet kwarti tar-risponenti jikkondividu ċertu ammont tad-data tagħhom. Il-parti

³ Ara d-Dokument ta' Ħidma SWD(2017)2 li jakkumpanja l-Komunikazzjoni "Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data", COM(2017)9, p. 14.

I-kbira minnhom jgħaddu data biss fil-qafas tal-istess grupp ekonomiku jew lil xi sottokuntrattur. Madwar terz jikkondividu d-data tagħhom b'mod usa', jew abbażi ta' kundizzjonijiet ta' użu mill-ġdid relattivament miftuħa jew bi ħlas ta' tariffa tal-liċenzja.

Meta ġew mistoqsija dwar l-ostakli rigward il-kondiviżjoni tad-data, ftit aktar minn nofs ir-rispondenti ma jirrapportaw l-ebda diffikultà biex jiksbu data minn negozji oħra. Madankollu, kważi nofs il-kumpaniji li jużaw id-data jistqarru li esperjenzaw xi problemi fl-aċċessar ta' data miżmuma minn ħaddieħor. Madwar terz tar-rispondenti jaħsbu li la l-liġi tal-kompetizzjoni u lanqas il-leġiżlazzjoni dwar klawżoli kuntrattwali inġusti jew Prattiki kummerċjali żleali ma jindirizzaw dawn il-problemi bis-siġħ. It-tħassib rigward l-aċċess ġust għar-riżorsi tad-data jidher li huwa partikolarment qawwi fis-suq ta' wara l-bejgħ tal-karozzi. Madankollu, in-negozji l-kbar huma tal-fehma li l-liġi tal-kompetizzjoni tittratta b'mod xieraq il-problemi ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti.

Id-detenturi tad-data jħossu li l-investimenti tagħhom fil-(kapaċitajiet ta') ġbir ta' data huma mħarsa sew, b'mod partikolari mid-Direttiva Database u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tas-Sigriet Kummerċjali u b'hekk ma jeħtiġux regolament addizzjonali.

Meta ġew mistoqsija dwar il-pożizzjoni tagħhom rigward l-iżvilupp futur tal-ekonomija tad-data, Prattikament il-partijiet ikkonċernati kollha jaqblu mal-għan tal-Kommissjoni li aktar data ssir disponibbli għall-użu mill-ġdid.

Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jitolbu li tinżamm il-prudenza rigward kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed mill-Kommissjoni biex aktar data ssir disponibbli għall-użu mill-ġdid.

Jargumentaw li l-ktajjen tal-valur tad-data u l-mudelli kummerċjali bbażati fuq id-data jvarjaw bil-kbir bejniethom u b'hekk jagħmluha diffiċli biex wieħed ifassal soluzzjoni waħda li tkun tajba għal kulħadd. Din l-opinjoni kienet ukoll mifruxa ħafna fost l-Istati Membri rrappreżentati f'sessjoni ta' ħidma fuq is-suġġett. Kważi l-kumpaniji jew l-organizzazzjonijiet kummerċjali kollha huma tal-fehma li għandha tipprevali l-libertà kuntrattwali. Dan il-punt ikun essenzjali sabiex is-soluzzjonijiet individwali jadattaw ruħhom għall-ħtiġijiet konkreti ta' każ kummerċjali. Il-kuntratti jridu jissejsu fuq il-fiduċja, li hija indispensabbli meta ssir il-kondiviżjoni ta' data. Aspett wieħed rigward it-tkattir tal-fiduċja huwa t-trasparenza fir-rigward ta' kif id-data se tiġi maħżuna u pproċessata u għal liema skopijiet se tintuża. Id-detenturi tad-data jridu wkoll ikunu ċerti li s-sieħeb kummerċjali tagħhom jikkonforma mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data u jissodisfa standards adegwati ta' ċibersigurtà. Fl-aħħar nett, in-negozji jridu jiżguraw li l-investimenti fil-kapaċitajiet ta' ġbir ta' data (b'mod partikolari fil-magni, l-għodda jew it-tagħmir mgħammra b'senser u mqabbdin mal-internet tal-oġġetti) ikunu jistgħu jiġu rkuprati, u jeħtiġilhom jipproteġu l-informazzjoni li tkun kummerċjalment sensitiva.

Ħafna partijiet ikkonċernati kkomentaw f'laqgħat u f'sessjonijiet ta' ħidma li l-kwistjoni kruċjali fil-kondiviżjoni ta' data minn negozju għal negozju (B2B) ma kinitx fir-rigward ta' liema entità għandha xi tip ta' "titolu ta' sjieda" fuq id-data, iżda dwar kif inhu organizzat l-aċċess. Dokument miċ-Ċentru Ewropew ta' Strateġija Politika u informazzjoni rċevuta mill-akkademja sostnew din l-opinjoni b'mod qawwi. Iż-żewġ partijiet argumentaw li kellha ssir għażla ta' politika bejn il-ħidma favur il-ħolqien ta' drittijiet ta' proprjetà fuq id-data u dik favur il-ftuħ ulterjuri tal-aċċess għad-data.

Għalhekk, l-idea ta' dritt ta' liċenzjar tad-data mill-magni, l-għodda jew it-tagħmir mgħammra b'senser tiġi kunsidrata b'xettiċiżmu meta jingħata esklussivament jew lill-Fabrikant tat-Tagħmir Oriġinali (OEM, Original Equipment Manufacturer) jew lill-utent ta' magna, għodda jew tagħmir mgħammra b'senser. Il-partijiet ikkonċernati huma tal-fehma li mhuwiex probabbli li jintlaħaq l-għan iddikjarat ta' dan id-dritt li jiffaċilita n-negozjabbiltà tad-data permezz tat-tiżiħ tal-istatus legali tagħha. Din il-pass potenzjali 'l quddiem, għall-kuntrarju, issaħħaħ il-kontroll tad-detentur *de facto* fuq l-aċċess għad-data, toħloq inċertezza tad-dritt fl-applikazzjoni Prattika u b'hekk tiġġenera spejjeż addizzjonali tat-tranżazzjonijiet legali. Min-naħa l-oħra, l-idea ta' dritt ta' sfruttament għal-liċenzjar tal-użu ta' data kondiviż bejn l-OEM u l-utent ta' magna, għodda jew tagħmir mgħammra b'senser, tqieset b'mod pjuttost favorevoli. Partikolarment ir-rappreżentanti tal-SMEs jiffavorixxu soluzzjoni ta' dan it-tip.

Ġeneralment, ir-rispondenti laqgħu b'mod pjuttost favorevoli l-opinjoni dwar l-obbligu tad-detenturi tad-data li jilliecnjaw ċerta data taħt kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND). Min-naħa l-oħra, terz tar-rispondenti — b'mod partikolari l-kumpaniji detenturi tad-data — esprimew tħassib kbir dwar din is-soluzzjoni.

Il-pass “tekniku” li jmiss, jiġifieri t-tħeġġiġ tal-użu tal-interfaċċi ta' programmar ta' applikazzjonijiet (APIs), irċieva l-aktar appoġġ. Madankollu, bħalma nnutaw għadd sinifikanti mir-rispondenti, l-interfaċċi ta' programmar (API) huma biss mezz għall-kondiviżjoni tad-data u qed jintużaw meta l-kumpaniji detenturi tad-data jkunu diġà ddeċidew li jikkondividu d-data.

Madwar nofs ir-rispondenti (aktar jew ftit inqas minn 50 %) appoġġaw il-passi 'l quddiem proposti l-oħra elenkati fil-kwestjonarju online (gwiċa dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE, regoli kuntrattwali prestabbiliti akkoppjati flimkien ma' klawsoli kuntrattwali standard rakkomandati.) Fis-sessjoni ta' ħidma ddedikata għall-SMEs deher ċertu livell ta' appoġġ għall-miżuri mhux vinkolanti bħall-klawsoli ta' kuntratt mudell bil-għan li jinżammu baxxi l-ispejjeż ta' tranżazzjoni għall-partiċipanti ż-żgħar. Il-gwiċa tal-KE dwar l-aċċess għad-data u l-kondiviżjoni tagħha ngħatat appoġġ konsiderevoli matul is-sessjoni ta' ħidma dwar l-ekonomija tad-data fl-Assemblea Diġitali tal-2017. Għadd ta' rispondenti jinsabu xettiċi dwar dawn is-soluzzjonijiet minħabba li mhumiex effikaċi biżżejjed għal xi wħud, filwaqt li oħrajn iqisuhom esaġerati. B'mod partikolari, ir-regoli kuntrattwali prestabbiliti iżda mhux obligatorji għal sitwazzjonijiet B2B flimkien ma' mekkaniżmu ta' kontroll ta' xi inġustizzja rċivew rispons maqsum, li nqasam bejn dawk li jappoġġaw din is-soluzzjoni u dawk li ma jaqblux magħha.

Fir-rigward tas-sitwazzjonijiet speċifiċi għas-setturi, il-partiċipanti kemm fl-Assemblea Diġitali kif ukoll fis-sessjoni ta' ħidma għall-SMEs kienu favur l-idea li jinħolqu ambjenti tal-ittestjar.

Is-sejħiet għal intervent fis-suq kienu aktar qawwija fir-rigward tal-aċċess għad-data li tinħażen fil-vetturi u d-data ġġenerata f'ambjent ta' biedja intelliġenti:

- Rigward l-aċċess għad-data mill-vetturi, il-pożizzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati huma pjuttost ċari. L-OEMs isemmu diversi raġunijiet għaliex partijiet terzi għandhom ikunu obligati jaċċessaw id-data permezz ta' server estern u mhux direttament mill-vettura. Dawk ewlenin għandhom x'jaqsmu mas-sikurezza u s-sigurtà tal-karozza. Il-partijiet ikkonċernati mis-suq ta' wara l-bejgħ (inkluż is-settur awtomobilistiku, iżda mhux limitat għalih) jinsabu mħassba ħafna dwar il-vijabilità kontinwa tal-mudelli kummerċjali attwali u dwar l-opportunitajiet biex jiġu żviluppjati mudelli kummerċjali ġodda fjamanti. Fis-sessjonijiet ta' ħidma ddedikati għall-SMEs u għall-industrija intelliġenti, dan is-settur esprima ruħu b'mod qawwi favur intervent regolatorju.

- Fis-settur agrikolu, 77 % tal-partiċipanti f'sessjoni ta' ħidma li ġiet organizzata mis-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni fil-qasam agrikolu (EIP-AGRI) kienu tal-fehma li min jipproduċi d-data (il-bidwi, il-kumpanija tal-ikel, eċċ.) jenħtieġ li jkollu d-dritt li jiddetermina min għandu aċċess għad-data prodotta.

In-negozji fis-settur tat-tiswija u l-manutenzjoni jibzġu li jista' jkun hemm interruzzjonijiet b'riżultat tal-kummerċjalizzazzjoni tal-apparat industrijali u domestiku attiv mill-Internet tal-Oġġetti. Fil-fehma tagħhom, l-OEMs jista' jkollhom it-tentazzjoni li jaġġustaw mill-ġdid il-ftehimiet ta' servizz bħala riżultat ta' għarfien superjuri tal-ħtiġijiet tal-klijenti li jirriżultaw minn feedback dwar id-data minn apparat bħal dan.

L-idea li jitħalla l-aċċess għad-data miżmuma minn kumpaniji għal awtoritajiet pubbliċi, għal finijiet ta' politika pubblika, ukoll tqieset b'mod relattivament favorevoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu mill-ġdid għal skopijiet definiti b'mod ċar (il-prevenzjoni tar-riskji għas-saħħa pubblika, l-aċċess mill-uffiċċji statistiċi jew għar-riċerka xjentifika ffinanzjata b'fondi pubbliċi). Madankollu, terz tar-rispondenti ma qablu xejn ma' dan. Ħafna kumpaniji argumentaw li jenħtieġ li jkun hemm kumpens ġust għal dan l-aċċess għad-data, filwaqt li jitqies l-investment fil-ġbir jew fl-adattament tad-data li jkun meħtieġ qabel ma d-data tkun tista' tintuża mill-awtoritajiet pubbliċi (pereżempju l-konverżjoni tad-data f'formati rilevanti, l-anonimizzazzjoni ta' data personali jew ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali).

Responsabbiltà

Din it-taqsimha kienet maħsuba biex tiġbor informazzjoni dwar l-isfidi maħluqa mir-responsabbiltajiet mhux kuntrattwali u kuntrattwali fil-kuntest tal-prodotti u s-servizzi tal-Internet tal-Oġġetti (IoT), is-sistemi awtonomi u r-robotika avanzata. Filwaqt li ntużaw diversi għodod ta' involviment (studji, sessjonijiet ta' ħidma, konsultazzjoni pubblika online), hemm bżonn ta' aktar konsultazzjonijiet.

Filwaqt li ġeneralment, l-entużjażmu fejn jidhrol it-tibdil tar-reġim tar-responsabbiltà attwali huwa wieħed limitat, xi wħud mill-partijiet ikkonċernati, primarjament min-naħa tal-konsumaturi, iqisu l-fatt li jkun hemm bidla sħiħa fih bħala ta' ġid u neċessarju.

Il-maġġoranza l-kbira tal-produtturi li ħadu sehem fil-konsultazzjoni ma kinux konxji ta' xi problemi speċifiċi u laqnas ma esperjenzaw xi diffikultà rigward ir-responsabbiltà fil-kuntest tal-prodotti u s-servizzi tal-internet tal-oġġetti, is-sistemi awtonomi u r-robotika avanzata. Ftit ħafna kienu ħabbtu wiċċhom ma' problemi bil-klassifikazzjoni tal-prodotti u s-servizzi tal-internet tal-oġġetti, is-sistemi awtonomi u r-robotika avanzata bħal prodotti jew servizzi jew kienu esperjenzaw xi problema sinifikanti f'dan il-qasam.

Ftit ħafna mill-konsumaturi li ħadu sehem kienu sofrew danni. Il-kwistjonijiet ewlenin li ssemmev fid-dokumenti ta' pożizzjoni li ntbagħtu mill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u mid-ditti tal-avukati huma d-diffikultà li wieħed iġib il-provi bħala konsumatur li prodott huwa difettuż, li tiġi stabbilita l-kawżalità bejn id-difett u d-dannu u l-fatt li l-konsumatur ikun furzat japplika definizzjoni stretta tad-dannu. Dawn id-dokumenti wkoll jenfasizzaw il-problema ta' kif wieħed jista' jgħib provi li xi software mhux qed jipprovdi s-sikurezza li l-konsumaturi jkollhom id-dritt jippretendu.

Rigward it-tipi ta' danni mġarrba li mhumie x koperti mid-Direttiva attwali dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti Difettużi, ftit ħafna mir-rispondenti elenkaw "telf minħabba telf ta' opportunità" jew "telf purament ekonomiku". Minħabba l-għadd limitat tar-risposti, ma kienx hemm evidenza ċara tal-ammont ta' telf tipiku.

Ġeneralment, id-danni fil-kuntest tal-prodotti u s-servizzi tal-internet tal-oġġetti, is-sistemi awtonomi u r-robotika avanzata jidhru li huma rarissimi. Ir-raġuni għal dan tista' tkun li l-konsumaturi għadhom ma drawx il-prodotti u s-servizzi tal-internet tal-oġġetti (IoT) u dawn tal-aħħar għadhom ma daħlux sew fis-suq.

Minħabba l-esperjenza limitata tar-rispondenti b'każijiet attwali ta' danni fil-kuntest tal-prodotti u s-servizzi tal-internet tal-oġġetti, is-sistemi awtonomi u r-robotika avanzata, ma toħroġ ebda stampa ċara dwar min għandu jinżamm responsabbli meta prodotti u servizzi ta' dan it-tip jirriżultaw difettużi. Numru ugwali ta' rispondenti jappoġġaw responsabbiltà konġunta tal-partijiet kollha li jkunu qegħdin jikkontribwixxu għal prodott, responsabbiltà individwali tal-produttur ta' kull komponent jew responsabbiltà tal-produttur finali/integratur tas-sistema.

Xi assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi sostnew li, ladarba jista' jkun ferm diffiċli biex il-konsumaturi finali jidentifikaw il-komponent ta' apparat intelliġenti li ma jkunx ħadem sew, jenħtieġ li jkunu jistgħu jibagħtu t-talbiet ta' kumpens tagħhom lill-produtturi finali. Xi rispondenti xtaqu skemi ta' ġestjoni tar-riskju bil-għan li jiġu massimizzati l-benefiċċji ġenerali għas-soċjetà u jiġu mminimizzati l-ispejjeż totali.

Hemm diversi opinjonijiet dwar ir-reġim preferut ta' responsabbiltà. Xi rispondenti qalu li r-responsabbiltà fil-kuntest tal-prodotti u s-servizzi tal-internet tal-oġġetti, is-sistemi awtonomi u r-robotika avanzata tista' tiġi indirizzata b'mod xieraq permezz ta' kuntratti, filwaqt li għadd ugwali ta' persuni kienu tal-opinjoni opposta. Ħafna oħrajn kienu tal-fehma li s-soluzzjonijiet kuntrattwali indirizzaw il-kwistjoni, tal-anqas b'mod parzjali. Mill-50 dokument ta' pożizzjoni li ddiskutew ir-responsabbiltà, 32 iddikjaraw li l-qafas attwali għar-responsabbiltà huwa xieraq biex jindirizza l-isfidi tat-teknoloġiji l-ġodda bħall-internet tal-oġġetti u s-sistemi awtonomi. Tmienja xtaqu reviżjoni tal-qafas attwali, u l-bqija ddiskutew ir-responsabbiltà mingħajr ma waslu għall-konklużjoni li tenħtieġ reviżjoni.

Ġew ippreżentati diversi sejbiet oħra minn sessjonijiet ta' ħidma u studji oħra:

- Fir-rigward tat-teknoloġiji bħall-internet tal-oġġetti, is-sistemi awtonomi u r-robotika avvanzata, huwa aktar diffiċli (u forsi jagħmel inqas sens) li ssir distinzjoni bejn is-servizzi u l-prodotti. Dan jagħmilha diffiċli biex wieħed jinterpreta u japplika l-leġislazzjoni, b'mod speċjali minħabba l-fatt li teżisti leġislazzjoni tal-UE dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi, iżda mhux għas-servizzi difettużi. Pereżempju, mhuwiex ċar kemm is-software jew id-data diġitali (meta jiġu eżaminati b'mod separat mill-mezz materjali) jistgħu jitqiesu bħala “prodott” madwar l-UE jew kif wieħed jista' jivvaluta offerti kumplessi li jinkludu komponenti ta' prodotti kif ukoll ta' software, potenzjalment minn manifatturi differenti.
- Kwistjoni oħra għandha x'taqsam mal-kunċetti tad-difetti u tas-sikurezza tal-prodotti, li tradizzjonalment ikunu marbuta mal-aspettattivi tal-utenti rigward is-sikurezza. Aktar ma naħdmu biex nassiguraw is-sikurezza, inqas ma jkun probabbli li jinqalgħu problemi ta' prestazzjoni jew problemi funzjonali tul il-ħajja tal-prodott. Dan kif għandu jiġi vvalutat fil-każijiet ta' sistemi awtonomi u robots avvanzati, fejn prodott (jew servizz assoċjat ma' prodott) jibda jgħib ruħu b'mod imprevedibbli, potenzjalment b'mod riskjuż? Illum il-ġurnata, il-kwistjoni tas-sikurezza tinvolvi wkoll ir-rwol li qed jinbidel tal-utenti ta' prodotti u servizzi, li issa qed jgħinu fil-manteniment u fl-iżvilupp ta' sistemi b'mezzi bħalma huma l-aġġornament ta' softwer jew it-“taħriġ” ta' prodotti u applikazzjonijiet. Id-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju tindirizza kwistjonijiet relatati mal-isfidi li toħloq l-innovazzjoni b'rabta mal-interkonnnettività u l-interoperabbiltà tal-prodotti jew tas-sistemi.
- Fejn jidħlu teknoloġiji kumplessi u magħmula minn ħafna partijiet li jgħaqqdu flimkien prodotti u servizzi, jista' jkun diffiċli li wieħed jalloka r-responsabbiltà fil-każijiet ta' dannu (jiġifieri li jgħib provi tal-eżistenza ta' xi difett u tar-rabta bejn id-dannu u d-difett). Fil-kuntest tar-robotika u tal-internet tal-oġġetti, din il-kumplessità tista' ddgħajjef il-protezzjoni tal-konsumatur.
- Irid jiġi rikonoxxut li jeżistu liġijiet kumplimentari li jaffettwaw kwistjonijiet ta' responsabbiltà f'ekosistema partikolari, bħal-liġijiet dwar id-drones jew ir-regoli tat-traffiku għall-karozzi bla sewwieq. Dan jista' jwassal għal frammentazzjoni tal-approċċi rigward ir-responsabbiltà madwar il-pajjiżi tal-UE.

Ir-riżultati tal-involviment ta' partijiet ikkonċernati settorjali fis-settur awtomobilist, fis-servizzi tan-negożji, fil-katina tal-provvista tal-ikel u x-xorb, fl-inġinerija mekkanika u fis-settur tal-apparat mediku wrew li magħġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati (39 mill-40 assoċjazzjoni li ħadu sehem u 6 mid-9 negozji) qiesu l-qafas attwali għar-responsabbiltà xieraq biex jiġu indirizzati teknoloġiji emerġenti bħall-prodotti u s-servizzi tal-internet tal-oġġetti, is-sistemi awtonomi u r-robotika avvanzata.

Filwaqt li qed tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-kwistjonijiet ta' responsabbiltà, il-progress fil-pajjiżi individwali tal-UE jvaja ħafna. Il-messaġġ prinċipali tagħhom kien li kwalunkwe inizjattiva fil-livell Ewropew kieku trid tiġi diskussa aktar u titqies bir-reqqa qabel ma tkun prevista kwalunkwe bidla fil-qafas leġislattiv eżistenti. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-analiżi ulterjuri tas-sitwazzjoni, u l-istess jgħodd għall-appoġġ lil negozji innovattivi li diġà ltaqgħu ma' dawk l-ostakli emerġenti bħall-inċertezza tad-dritt, ġieli bis-saħħa ta' gwida jew kjarifika legali. Barra minn hekk, xi pajjiżi tal-UE jħeġġu lill-KE tirraġuna b'mod li jmur lil hinn mis-silos politiċi tal-politiki speċifiċi għas-settur — bħalma ġara fil-każ tal-karozzi konnessi — u jqisu l-kwistjoni tar-responsabbiltà bħala suġġett trasversali.

Il-portabbiltà ta' data mhux personali, l-interoperabbiltà u l-istandards

Portabbiltà

Madwar kwart tar-rispondenti li ħadu sehem fil-konsultazzjoni pubblika online qalu li ma kinux kuntenti bil-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jgħorru d-data. Madwar terz tar-rispondenti jiddikjaraw li esperjenzaw diffikultajiet relatati mal-portabbiltà tad-data. Madankollu, meta wieħed iħares lejn ir-risposti rċevuti mill-SMEs, l-istampa tinbidel. Il-parti l-kbira tar-rispondenti mill-SMEs li kienu beħsiebhom jibdlu fornitur tas-

servizz ta' cloud irrappurtaw diffikultajiet biex jagħmlu dan. Il-parti l-kbira minnhom semmew l-għażla tal-portabbiltà tad-data mhux personali bħala element importanti. Ġeneralment, ir-rispondenti minn kull kategorija jaqblu li jridu jittieħdu passi biex tiġi ffaċilitata l-portabbiltà tad-data mhux personali. Huma jwassru li din se tkun problema fil-futur.

Fejn tidħol il-possibbiltà li l-Kummissjoni tintroduċi drittijiet għall-portabbiltà tad-data bbażati fuq il-prinċipji fil-kuntest tal-qlib tal-fornituri ta' cloud, ħafna rispondenti jarawha b'mod pożittiv, inklużi dawk minn setturi industrijali bħat-trasport, l-enerġija u l-utilitajiet. Ir-rispondenti mis-settur finanzjarju u l-qasam akkademiku kienu kawtament pożittivi. Ċerti pajjiżi, inklużi Franza u l-Estonja, urew interess fl-introduzzjoni ta' drittijiet legali għall-portabbiltà.

Il-partijiet ikkonċernati mill-komunità tal-cloud ukoll ikkondividew l-opinjoni tagħhom f'sessjoni ta' ħidma dwar il-qlib minn fornitur tas-servizz ta' cloud għal ieħor. L-isfidi tekniċi ewlenin li ssemew kienu n-nuqqas ta' standardizzazzjoni għall-portabbiltà tal-applikazzjonijiet, l-isfidi rigward il-formati tad-data, id-diffikultajiet fl-identifikazzjoni/l-esportazzjoni tad-data u l-metadata, u l-ħin stmat meħtieġ għall-ksib u t-trasferiment tad-data. L-ostakli legali ewlenin li ssemew huma t-tħassib dwar il-protezzjoni tad-data, in-nuqqas ta' pjanijiet għall-ħruġ, u l-iskadenzi għaż-żamma tad-data. L-aspetti ekonomiċi wkoll qed iħassbu lill-utenti tal-clouds, li ta' spiss iġarrbu l-ispejjeż kollha tal-qlib minn fornitur tas-servizz ta' cloud għal ieħor. Il-parteċipanti ġeneralment kellhom fehma pożittiva dwar l-introduzzjoni ta' dritt legali għall-UE. Barra minn hekk, semmew il-possibbiltà li jiġu żviluppati kodiċijiet ta' kondotta industrijali u li ssir ħidma għall-iżgurar tat-trasparenza tal-APIs.

Rigward l-introduzzjoni ta' drittijiet ġenerali (jiġifieri mhux speċifiċi għall-clouds) ta' portabbiltà, ħafna ssuġġerew li l-ewwel jiġi osservat kif jiġi applikat fil-prattika d-dritt introdott fl-Artikolu 20 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Ħafna rispondenti jirreferu għad-diffikultà tas-separazzjoni tad-data personali minn dik mhux personali. B'rispons għal dan id-dritt aktar ġenerali, ħafna rispondenti minn kumpaniji u organizzazzjonijiet kbar jgħidu li l-implimentazzjoni tal-portabbiltà tad-data l-aħjar li titħalla għas-soluzzjonijiet kuntrattwali jew tekniċi u l-ħidma fuq standards immexxija mill-industrija, kif ukoll l-iżvilupp ta' ħiliet għan-negozji l-ġodda u l-SMEs.

Ħafna rispondenti kkonċentraw fuq l-aspetti minn negozju għal konsumatur (B2C) tal-portabbiltà tad-data, għalkemm il-Komunikazzjoni dwar Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data tiffoka b'mod ċar fuq aspetti B2B. Forsi dan jista' jiġi spjegat mill-fokus prevalenti fuq il-konsumatur/suġġett tad-data fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet ta' portabbiltà.

Barra minn hekk, jista' jkun li l-attitudnijiet lejn il-portabbiltà tad-data jvarjaw minn settur għal ieħor. Il-parteċipanti fis-sessjoni ta' ħidma agrikola ta' April 2017 qalu li l-portabbiltà tad-data jenħtieġ li tkun karatteristika essenzjali u bla ħlas ta' kwalunkwe pjattaforma, li tippermetti lill-produtturi jingħataw il-possibbiltà li jittrasferixxu d-data tagħhom lejn pjattaformi kompetituri jew differenti.

Interoperabbiltà u standards

L-interoperabbiltà hija kwistjoni urġenti għal ħafna mir-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika online, u hemm kunsensus dwar il-ħtieġa għal standards ta' interoperabbiltà.

Il-parti l-kbira tar-rispondenti li huma utenti ta' clouds jippreferu soluzzjonijiet konformi mal-istandards, u b'mod ġenerali wkoll standards miftuħa. Ngħataw għadd kbir ta' eżempji ta' standards rilevanti għall-cloud computing, inklużi standards għall-aċċess, il-formati tad-data, is-sigurtà tal-cloud, il-protezzjoni tad-data, u l-APIs. Ir-raġunijiet ewlenin biex jintalbu soluzzjonijiet konformi mal-istandards huma s-sigurtà u l-protezzjoni tad-data u tal-privatezza.

Fost il-miżuri tekniċi għall-iffaċilitar tal-aċċess għad-data u l-possibbiltà li dawn jinkixfu, l-iskemi komuni għall-metadata ngħataw l-ikbar prijorità. Aktar risponenti jippreferu titjib tal-istandards eżistenti mid-definizzjoni ta' standards ġodda, iżda ħafna jilqgħu wkoll b'mod pożittiv rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tagħhom. Fejn jidħlu l-istrumenti legali, il-parti l-kbira tar-risponenti jippreferu linji gwida, segwiti minn regolament tal-UE u azzjonijiet ta' appoġġ.

Mill-kummenti dwar it-taqsimiet miftuħa fil-kwestjonarju u mid-dokumenti ta' pożizzjoni rċevuti, ħafna huma tal-fehma li l-iżvilupp ta' standards aħjar jitħalla f'idejn l-industrija, jew li l-Kummissjoni jenħtieġ li tħares lejn il-ħidma eżistenti fuq l-istandards (kemm trasversali kif ukoll speċifiċi għas-settur) qabel ma tiegħu aktar miżuri. Ħafna mir-risponenti jippreferu soluzzjonijiet tekniċi għal kwistjonijiet tal-ekonomija tad-data minn soluzzjonijiet legali jew ta' politika. Ir-risultati mill-involvement tal-partijiet ikkonċernati fis-settur jikkonfermaw dan.